Mons. Jimmy Xerri

# Dun Ġużepp ta' Wenza



**Illum se nlaqqgħukom mal-ixjeħ qassis li għandna fil-gżira ta' Għawdex. Huwa l-Kan. Ġużeppi Muscat. Twieled f'Novembru tal-1920, fil-ġimgħa tal-festa ta' San Koronatu. In-Nadurin jafuh bħala "Dun Ġużepp ta' Wenza" għax ommu kienet Wenza Buttigieg filwaqt li missieru kien Ġanni. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija missieru kien kok mal-flotta navali Ingliża u wasal biex laħaq *Chief Cook* fuq il-frejgati. Missieru waqaf jaħdem fuq il-baħar f'xi l-1932, meta ħareġ bil-pensjoni.**

Ommu u missieru tejġu fil-Knisja fis-sagħtejn ta' filgħodu u ftit wara Ġanni imbarka fuq il-vapuri. L-ewwel darba li lil Ġużeppi rah missieru, it-tifel kien diġà tfarfar. Qarib tiegħu mill-Qala ħadu Malta u xħin tela' fuq il-vapur tista' taħseb kemm feraħ missieru u l-baħrin ukoll ferħu biċ-ċkejken.

L-ewwel skola li attenda fiha t-tifel ta' Wenza u Ġanni kienet dik tas-sorijiet Franġiskani, hawnhekk fin-Nadur stess. "Jekk niftakar tajjeb kienet tgħallimni swor Ludovika". L-ewwel tqarbina kien għamilha meta kellu xi sitt snin.

Dun Ġużepp huwa tifel uniku. Ma kellux ħutu. Ommu riedet tibagħtu jitgħallem fl-iskola li kienet magħrufa bħala s-*central*. Minn xi ħamsa min-Nadur li riedu jidħlu ntgħażel wieħed biss u ma kienx Ġużeppi. Ommu ma qatgħetx qalbha u applikat biex binha jidħol fis-Seminarju Minuri.

Ġużeppi dejjem kien miġbud lejn il-Knisja u meta temm l-istudji sekondarji ħass li Alla kien qed jgħidlu biex ikompli għal saċerdot. Għadda 7 snin fis-Seminarju Maġġuri u l-għalliem ewlieni tiegħu kien Mons. Isqof Pace li għallmu t-Teoloġija, l-Istorja u l-Iskrittura Mqaddsa. L-isqof Pace baqa' jgħallem anke wara li laħaq Isqof fl-1943. Għalliem ieħor li kellu Ġużeppi kien Mons. Indrì Vella li kien direttur spiritwali tas-seminaristi.







Fis-sena ta' Dun Ġużepp kien hemm jistudjaw żewġ seminaristi oħra: Girgor Vella mill-parroċċa ta' Kerċem U Ġwanni Grech mix-Xewkija. It-tlieta ġew ordnati saċerdoti fl-1948. Dun Ġużepp għadu jsemmi li matul il-gwerra kienu fis-seminarju u batew f'dawk s-snin tal-għawġ u għaks. Għadu jiftakar kif darba fl-4 ta' filgħodu waqgħet bomba fejn in-niċċa tal-Madonna li qiegħda fuq Triq Għajn Qatet. Is-seminaristi twerwru għax ħasbu li kienet waqgħet iktar fil-qrib. Bħala miżura ta' sigurtà fis-snin tal-gwerra, il-ħġieġ tas-seminarju żebgħuh biex jekk ikunu għaddejjin ajruplani tal-għadu, ma jarawx is-seminarju mixgħul.

Bħala saċerdot novell Dun Ġużepp kellu l-uffiċċju ta' viċi parroku u kien jgħin fiċ-ċirklu tal-Azzjoni Kattolika. Kien jgħallem id-duttrina lit-tfal. Id-duttrina kienet issir fl-4.30pm fl-iskola primarja u kienet iddum tletin minuta. Bħala viċi parroku kien jassisti billejl fid-djar. Dan ifisser li l-viċi kellu l-obbligu li joqgħod fid-dar tal-marid dment li dan kien ikun agunija. Ġieli s-saċerdot kien jorqod hemm ukoll, fid-dar tal-agonizzant.

Dun Ġużepp kien iħobb jgħin fil-festa ta' barra wkoll u kienu għamluh prokuratur tal-armar ta' Triq Xandriku u ta' Triq San Ġwann. Għadhom isemmu lil Dun Ġużepp bħala kaċċatur tajjeb. Fi żmien il-kaċċa kien iqaddes fit-3.30am u jibqa' sejjer lejn Wied Binġemma li kien kollu siġar taż-żebbuġ. Hemmhekk kien jikkaċċja. Qalilna li l-Gran Mastri wkoll kienu jmorru għall-kaċċa f'dan il-post.

Dun Ġużepp qatt ma ħareġ mill-gżejjer Maltin. Qatt ma siefer f'ħajtu. "Fis-sena 1950 kont se mmur sa Ruma u qabdet il-gwerra tal-Korea. Bżajt u ma mortx".

Dwar ommu jgħid kemm kellha mħabba għall-missjonijiet. Kienet tgħin ħafna l-missjoni ta' Dun Karm Attard.

Illum Dun Ġużepp huwa l-iktar saċerdot anzjan li għandna fid-djoċesi ta' Għawdex. Kieku mhux għax naqsu d-dawl t'għajnejh, kien ikun jista' jibqa' jitla' sal-Knisja. Għandu lill-familja Garcia li tieħu ħsiebu. Dun Ġużepp jirringrazzja lil Alla ta' kull ma għamel miegħu u jsellem lill-qarrejja kollha tal-Luminaria.

*Ir-ritratti li jidhru f'dan l-artiklu huma ta' Dun Ġużeppi f'mumenti matul il-ħajja twila tiegħu.*